

Mro. Raymond Attard



# San Ġużepp fl-Arti Mużikali

Jekk f'Malta hawn devozzjoni qawwija lejn il-Madonna fejn din toħroġ biċ-ċar permezz tal-kitba ta' tant nies kemm bil-pinna tal-versi u kemm bil-pinna mużikali, daqstant ieħor hawn devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp. Dan ukoll joħroġ biċ-ċar bl-ismijiet ta' toroq, bl-għadd ta' Parroċċi, b'ismijiet ta' tant nies li huma msemmijin għal dan il-Qaddis kbir u anke bl-għadd ta' Każini u Soċjetajiet Mużikali li huma msemmijin għal dan il-qaddis, biżżejjed nsemmu it-triq prinċipali tal-Ħamrun li hija msemmija għal San Ġużepp, peress li qabel il-Ħamrun kien magħruf bħala "Casal San Giuseppe" u li kien ukoll l-ewwel titular tal-Parroċċa, qabel ma sar dak tal-lum ta' San Gejtanu. Il-Fratellanzi fil-Parroċċi li huma mxerrdin ma' Malta kollha, tista' tgħid li kull parroċċa f'Malta u Għawdex hemm fratellanza ta' San Ġużepp.

Wara dik l-introduzzjoni qasira niġu issa għal qofol ta' dan l-artiklu.

## Is-Surmast Carlo Diacono u San Ġużepp

Fost l-aktar festi popolari ta' San Ġużepp li jsiru f'Malta nsibu bħala l-ewlenija dik li ssir fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat ta' l-Imdina, fejn hemmhekk nsibu fratellanza attiva ħafna li torganizza flimkien mal-komunità Franġiskana b'tant solennità l-festa ta' San Ġużepp.



F'din il-festa tant popolari sa minn dejjem insibu lis-Surmast Żejtuni Carlo Diacono jagħti s-servizzi



mużikali tiegħu bħala Maestro di Cappella. Il-mużika kollha li tiġi esegwita fil-Knisja matul il-ġranet tal-festa ta' San Ġużepp hija kollha ta' dan is-Surmast Żejtuni. Fost il-mużika nsibu żewġ Antifoni sbieħ ħafna kif ukoll l-innu popolari lil San Ġużepp li tant iqajjem entużjażmu fost il-partitarji Ġużeppini Rabtin.



Però, is-Surmast Carlo Diacono ma kienx biss Maestro di Cappella f'din il-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat ta' l-Imdina. Kellu ħafna aktar parroċċi li uħud minnhom anke jiċċelebraw il-festa ta' San Ġużepp bħala festa sekondarja fost dawn il-parroċċi nsibu lir-raħal sabiħ ta' Ħal Għaxaq u anke r-raħal sabiħ ta' Ħaż-Żebbuġ li huma żewġ festi kbar ħafna fejn il-partitarji huma numerużi fiż-żewġ irħula.

Is-Surmast Carlo Diacono kien wieħed mill-aktar surmastrijiet li jiġi mfittex għas-servizzi mużikali tiegħu. Tant hu hekk, li nsibu li per eżempju fil-Parroċċi tal-Kottonera, kemm fil-Bażilka, Kolleġjata u Santwarju ta' Marija Bambina fl-Isla u fiż-żewġ Parroċċi l-oħra ta' Bormla u tal-Birgu sa mill-qedem kienet u għadha ssir il-festa ta' San Ġużepp u il-mużika fil-festa ta' San Ġużepp. F'dawn it-tliet parroċċi kienet tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carlo Diacono, b'mod partikolari fil-belt ta' l-Isla fejn wieħed mill-Kanonċi tal-Bażilka Kolleġġjata kien jiġi minnu. Għall-festa ta' San Ġużepp fl-Isla, is-Surmast Carlo Diacono kien ikkompona Innu u Antifona apposta għall-Parroċċa li għalkemm dawn illum m'għadhomx jindaqqu, però suppost li dawn qegħdin fl-arkivju tal-parroċċa.


# SEA-FRONT

*General Store • Household Goods*

**46, Archbishop Gonzi Square, Kalkara • Tel: 2180 9435**

*Electrical Appliances, Artificial Plants and Trees, Kitchenware, Towels.*